**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 41 – IT-TNEJN 8 TA' FRAR 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru erbgħin (40) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2 KORRISPONDENZA.**

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn s-26 ta' Jannar ut- 8 ta' Frar 2010.

2.2 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0242/10. Dan kien kont li bagħat il-Perit Falzon fuq xogħol ta' pjanti għal proġett ta' Triq Patri M. Vella/ Triq Ċensu Busuttil.

2.3 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0254/10. It-Traffic Management Unit tal-ADT bagħat

'reminder' li Perit tal-Kunsill fuq il-proposta tal-proġett ta'Triq il-Wied.

2.4 Il-Sindku Anthony Dalli irrefera ghall-korrispondenza nru. 0290/10 fejn irrefera għar-rispoosta li bagħat Dr. Chris Said fuq it-talba li għamel il-kunsill Lokali għall-għajnuna finanzjarja biex Triq il-Wied tinbena mill-ġdid.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0328/10. Kien hemm ilment minn resident dwar ħaxix li kien ta' xkiel għan-nies li jgħaddu minn fuq il-bankina fi Triq il-Wied ħdejn id-Dar il-Ħamra.

Doc. A u B anness

## 3 ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn s-26 ta' Jannar u t-8 ta' Frar 2010, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward rapporti Nru./119600,119679, 01/02-3 u 120084 fuq bozoz maqtugħa dawn qegħdin f'idejn l-Enemalta.

3.3 Rigward ilment Nru. /119664 dwar pressa baxxa quddiem dar nru.10 u djar ta' madwar fi Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill Lokali diġa talab lill-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma biex jagħmlu t-tibdil neċessarju fil-'house-connections' qabel ma' ssir il-bankina mill-ġdid mill-Kunsill.

3.4 Rigward talba Nru.01/02-2 biex isir refreshing tal-parking-bays fi Triq ċ -Ċitru. Il-Kunsill Lokali ħa nota u dawn sejrin isiru dalwaqt.

3.5 Rigward ilment Nru. 03/02-1 li qed jkun hemm vettura ipparkjata fuq id-double-yellow line fi Triq Erin S. Inglott c/w Triq Richard Taylor; il-Kunsill sejjer jinvestiga dan l-ilment.

3.6 Rigward talba Nru. /120082 biex jintbagħat bowser fi Triq Alfons Maria Galea biex inaddaf it-tappieri tad-drenaġġ minħabba l-ġrieden. Il-Kunsill sejjer jgħaddi r-rapport lill-Awtorita' kkonċernata.

3.7 Rigward talba Nru. 08/02-1 biex terġa titwahhal 'crash-barrier fi Triq Erin Serracino Inglott. Il-Kunsill sejjer jinvestiga.

3.8 Rigward rapport Nru. 08/02-3 li hemm kanna mikxufa fuq il-bankina fi Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq kwotazzjoni li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand id-Ditta M-Quip fuq bandla ( Rubber Flat Swing Seat – Black) li kienet tkissret.
Din tiswa €153.40 inc. il-Vat.
Il-Kunsill approva unanimament li din tinxtara mill-ġdid.

**5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.4 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 05206/09. Bini ta' Bungalow. Sit fi Triq Ħarruba c/w Triq il-Wied.
PA 05554/09. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u semi-basement taħt. Sit fi Triq Prinjol.
PA 04926/098. Storm Water tunnels u xogħol ieħor infrastrutturali parti mill-proġett ´National Flood Relief Project etc. siti ġo Attard, Birkirkara, Gzira, Iklin, Lija, Msida, Naxxar u jispiċċa ir-Rampa Ta' Xbiex, Ta' Xbiex.

**6. ANADAMENT TAL-LAQGHA TAL-LOKALITA'**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal-Laqgha tal-Lokalita' li saret il-Ħadd 7 ta' Frar filgħodu. Kien hemm preżenti 14 il-resident.

6.2 Is-Sur Dalli qara Memo li kien ipprepara s-Segretarju li kien jiġbor fih ilmenti, suġġerimenti u proposti validi.
Ir-residenti preżenti taw sehemhom u l-punti li tqajjmu ġew diskussi dak il-ħin, iżda ma' ttieħdux deċizjonijiet

6.3 Il-Kunsilliera wkoll iddiskutew fit-tul xi punti validi waqt din il-laqgħa.Għaldaqstant dan ir-rapport jerġa jiġi diskuss aktar fit-tul waqt laqgħa oħra.

**7. BUDGET 2010.**

7.1 Is-Sur Dalli irrefera għall-Budget għal din is-sena u qal li qabel ma dan jiġi approvat staqsa jekk hemmx xi tibdil li wieħed xtaq jissuġġerixxi la darba issa saret il-Laqgħa tal-Lokalita' .

7.2 Għaldaqstant dan ir-Rapport jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss u jiġi approvat.

**8. FINANCIAL STATEMENTS TA' GĦELUQ S-SENA 2009.**

8.1 Għal din il-laqgħa kien preżenti s-Sur Patrick Caruana, l-Accountant tal-Kunsill Lokali li ppreżenta r-rapport finanzjarju ta' għeluq is-sena 2009.

8.2 Hu taha spjegazzjoni dettaljata tar-rapport kollu u fakkar li dan kien għal-9 xhur biss peress li għal l-ewwel darba din is-sena inbidlet d-data ta' għeluq is-sena finanzjarja fejn sejra tinżamm dejjem fit-31 ta' Diċembru.

8.3 Il-Kunsill Lokali spiċċa s-sena bil-bilanċ favorevoli ta' €27,918 u dawn il-fondi sejrin jintużaw fis-sena kurrenti.

8.4 Dan ir-rapport ġie approvat unanimament u iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li kien intlaħaq ftehim mal-Green MT, kumpanija li hija awtorizzata mill-Gvern biex tiġbor l-iskart separat. Il-ftehim kien a) biex jiġbor l-iskart separat (boroz griżi) kull nhar ta' Tlieta b) jieħu ħsieb ibattal il-Bring-In sites li hemm fi Triq Dun Karm u Triq Naxxar, u jnaddaf warajhom.

9.2 Peress li dan il-kuntratt sejjer iġib miegħu kumpens finanzjarju, kien hemm offerta mill-istess kumpanija li minflok, jissuplixxu l-boroz il-griżi għal sena sħiħa lir-residenti kollha. Il-Kunsill kien qed jaqbel ma' din l-proposta.

9.3 Is-Sindku semma l-attivita' li għamlu l-iscouts is-sena l-oħra fejn matul Ġunju u Awissu darba fil-ġimgħa ġabru l-fliexken tal-plastik. Hu ssuġġerixxa lill-Green MT li jekk din is-sena l- iscouts jidħlu għal dan l-impenn mill-ġdid, jingħataw kumpens finanzjarju biex itaffu ftit mill-ispejjez li għandhom.

Id-Ditta laqgħet tajjeb din l-proposta għaliex tkun qed tiġbor il-plastic separat direttament.

9.4 Is-Sindku talab lil-Kunsilliera biex jaħsbu ftit fejn nistgħu inpoġġu żewġ Bring-In sites oħra barra dawk li għandna fi Triq Dun Karm u Triq Naxxar. Dawn ikunu għas-spejjez ta' l-istess Ditta.

9.5 Barra minhekk, hemm il-ħsieb ukoll li jibda jinġabar il-kartun mingħand il-ħwienet kollha li hawn fl-Iklin.

9.6 Fl-aħħarnett hu kkonferma li dalwaqt sejjer jiġi ffirmat il-kuntratt waqt *Press Release* fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni.

**10.0 AĠĠORNAMENT**

10.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet x'ġara fuq it-trinka tal-Vodafone li kellhom jagħmlu fi Triq Ħwawar.

10.2 Is-Sindku Anthony Dalli ikkonferma, li, wara konsultazzjoni li saret ma' l-istess Kunsilliera u l-parir tekniku li ħa l-Kunsill Lokali, d-deċizjoni kienet li l-Vodafone jridu jagħmlu tul nofs it-triq mill-ġdid bit-tarmac.

10.3 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.50pm u kien hemm ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2010 fil-5.30pm.

10.4 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 22 ta' Frar 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv. |